MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Numru 115/2000

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
vs
Jason Cutajar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jason Cutajar, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 504972(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat:

(a) talli nhar it-28 ta' Jannar 2000, ghall-habta tas-1.30p.m. gewwa tas-Sliema jew fil-vicnanzi, hebb ghall-persuna tal-Professur George Buttigieg u ikkagunalu griehi ta' natura gravi, skond cerifikat mahrug mit-Tabib Dr R Cuschieri M.D. ta' l-isptar San Luqa (Sezz. 216 tal-Kap. 9);
(b) talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi gewwa l-Imsida, l-Gzira u tas-Sliema kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(c) talli fl-istess jum, hin, postijiet u cirkostanzi, tkellem fahxi u qal diversi kliema iehor li jammonta f'dagha u kliem hazin;
(d) talli fl-istess jum, hin, postijiet u cirkostanzi saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni IAH 484, b'manjiera traskurata u perikoluza;
(e) Talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi gewwa tas-Sliema, hedded u qabad arma irregolari (crash Helmet) ghall-persuna ohra, cioe' l-Professur George Buttigieg;
(f) Talli nhar it-28 ta' Jannar 2000 ghall-habta tas-2.15p.m. gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Imsida iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li kijen jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat, b'mod li setghu inbdew proceduri sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' April, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(bb), 338(dd), 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 110(1), 110(2), 17(b), 17(c), 20, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2003.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' April, 2002.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux xi fedina penali allarmanti, irregistra ammissjoni, il-Professur George Buttigieg, il-parte civile hafirlu ghal dak illi gara u xtaq illi l-imputat minflok ihallas lilu ghall-hsarat li ikkaggunalu fil-karozza tieghu, liema hsarat kienu jammontaw ghal madwar disghin lira, jaghmel donazzjoni lill-Monasteru tal-Klarissi ta’ San Giljan u effettivament l-imputat ressaq il-prova illi huwa kien ghamel din id-donazzjoni ta’ disghin lira lil St Clare’s Monastery ta’ San Giljan.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti wara illi rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tillibera lill-imputat taghmel dan bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara, ghal kull buon fini, illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------